**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-31 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Numru : 288/2022 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**AF**

**Vs**

**DF**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' AF datat 24 ta' Mejju 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi huwa zzewweg mal-intimata fis-6 ta' Gunju 1993 (PR 862/1993) (Dok A).*

*Illi miz-zwieg taghhom huma ghandhom tifla li jisimha M li twieldet f'X u llum hija maggorenni.*

*Illi l-esponenti ssepara minn ma' martu permezz ta' kuntratt fl-atti tan- Nutar Charles Vella Zarb tat-2 ta' Frar 2006 (Dok B).*

*Illi l-partijiet huma residenti u domiciljati Malta u mis-separazzjoni 'l hawn huma ghexu hajja indipendenti minn xulxin u ma hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Illi ma hemm ebda pendenzi bejniethom dwar manteniment.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota tal-intimata datata 12 ta' Lulju 2022, a fol 11 illi permezz taghha hija ddikjarat illi taqbel mat-talbiet tal-attur. Di piu' uriet ix-xewqa taghha li tirriverti ghal kunjom xbubitha kif ukoll iddikjarat li ma kellhiex aktar provi x'tiproduci;

Rat illi l-attur iddikjara seduta stante illi ma kellux oggezzjoni illi l-intimata tirriverti ghal kunjom xbubitha kif ukoll illi ma kellux aktar provi x'jipproduci (vide fol 14);

Rat in-nota tal-intimata datata 9 ta' Awwissu 2022;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 7) illi l-kontendenti zzewgu nhar is-6 ta' Gunju 1993 u li minn dan iz-zwieg twieldet tifla, illum maggorenni. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 2 ta' Frar 2006 fl-atti tan- Nutar Dr Charles Vella Zarb. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet.

**L-intimata xehdet** (vide fol 12) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehdet l-l-attur. Di piu', iddikjarat illi xtaqet tirriverti ghal kunjom xbubitha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-6 ta' Gunju 1993, liema zwieg jgib certifikat numru 862/1993 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 2 et seqq.). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla illum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Charles Vella Zarb nhar it-2 ta' Frar 2006 (vide Dok B fol 3 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 862/1993 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu', tawtorizza lill-intimata tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe 'G', u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**